L-editorjal

Achille Mizzi

Ħarsa lura u oħra 'l quddiem

Meta ġejt biex nikteb dan l-editorjal għall-ħarġa ta' IL-MALTI li għandkom f'idejkom bdejt inqalleb edizzjonijiet tas-snin l-imgħoddija biex mill-passat niżen il-qagħda tal-ilsien Malti llum u forsi nislet xi tagħlima għall-ġejjieni.

L-istorja tal-Malti qatt ma kienet watja u sielma. Sa mill-bidu kien hemm min iddarras li l-Malti beda qajla qajla jerfa' rasu u jikseb jeddijietu. Fost dawn kien hemm dawk li kienu għamlu mit-Taljan għelm ta' privileġġ u snobbiżmu li bih kienu jiddandnu u jintgħażlu mill-kotra tal-poplu li kienet sajma minn kull tagħlim u tajba biss biex issefter minn sbieħ ix-xemx sa nżulha.

Ma' dawn issieħbu mbagħad kontra l-Malti dawk li ħaddnu l-ilsien Ingliż biex intrefgħu pulzier biex setgħu jinħabbu mal-ħakkiema barranin u javvanzaw fin-negozju, fiċ-ċivil u fl-isferi kollha tal-ħajja Maltija bla ma qatt ħabblu rashom li l-Malti kien l-ewwel u qabelkollox wieħed mis-sisien tal-identità tagħna li tagħmilna verament Maltin.

Illum nibtu għedewwa ta' xorta oħra; għedewwa moħbijin u sottili li jippużaw ta' pampaluni tal-Malti, imma li wara l-maskra għandhom leblieba biex imexxu l-politka tagħhom qarrieqa u opportunista. Dawn huma aktar perikolużi għax bħas-susa jfaqqsu u jgħawru lill-istess zokk li jirfed il-Malti. L-attakk tagħhom qatt mhuwa frontali imma ġej dejjem mill-ġnieb biex jaqdi l-aġenda moħbija tagħhom.Erħilhom minn żmien għal żmien joħorġu xnigħat

li l-Ilsien Malti jinsab f'xi kriżi u jinsew li qatt daqs illum l-ilsien Malti ma kellu prestiġju li wasslu saħansitra f'fora internazzjonali bħalma hi l-Unjoni Ewropea. It-tattika tagħhom hija li jiskreditaw il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li twaqqaf apposta bl-Att tal-Parlament Nru. V tal-2004. Dawn lanqas ma jimpurtahom li jagħtu pjaċir lill-għedewwa antiki li l-Malti qatt ma ħamluh u li llum ma jissugrawx jitkellmu għax jafu li l-poplu huwa kontrihom u li l-Malti għandu warajh is-saħħa tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Mela ejjew għal mument ngħidu għalihom il-famuż vers li nsibu fl-*Inferno* ta' Dante Alighieri, *Non ragioniam di lor, ma guarda e passa.*

Għalhekk deherli li f'mument bħal dan u biex inwettqu l-fehma tagħna b'risq l-Ilsien Nazzjonali ħsibt li ndur lejn l-edizzjonijiet qodma ta' IL-MALTI u lejn kitbiet oħra mxerrdin biex niġbor ġawhar ta' għerf dwar l-Ilsien Malti li ħallewlna dawk ta' qabilna, biex minnhom nitgħallmu u niddawlu dwar fejn hi t-triq li veru tfittex il-ġid ta' lsienna.

Mikiel Anton Vassalli
1764 -1829
Silta minn 'Lin-Nazzjon Maltija' –
Daħla għal-'Lexicon',
maqluba għall-Malti minn Frans Sammut

..."Naf biżżejjed li hemm uħud li jħarsu bl-ikrah lejn l-Ilsien Malti
għax jgħodduh bla siwi u mingħajr il-ħila li jitrawwem
hekk kif ukoll hija nieqsa l-ħila żgħira u żewwiela tagħhom;
u li din il-fehma hekk qerrieda
sa issa dejjem kienet minn fuq
u hekk ċaħħdet lin-Nazzjon minn wisq u wisq ġid.
Imma issa li qed jitressaq is-sew
b'turijiet mill-aktar dafja u rraġunati,
li wieħed imur kontrih jew huwa thewdin bla tarf
jew mibegħda sfiqa għall-ġid ta' kulħadd.
In-nies sewwa, għaqlin u li jħobbu lil għajrhom
qatt ma jfittxu ħlief is-sew u li jiksbu t-tagħlim,
u meta xi darba jaslu jmaqdru,
dan jagħmluh biss biex ikattruh u jagħmluh aktar dafi,
u mhux għax-xewqa battala li jkunu biss imaqdru."

Dun Karm
1871 - 1961
L-editorjal ta' *Il-Malti,* (fl-ewwel ktieb tal-1934)

"... qatt ebda ħjiel ta' partiti ma xiref
minn Il-Malti, qatt ma għawwiġna,
qatt ħadd ma daħal f'darna,
li ma kienx jaqbel ma fehmitna"

Prof. Ġużè Aquilina
1911 - 1997
L-editorjal ta' *Leħen il-Malti* (Lulju-Sett. 1946)

"Meta l-kotra tal-Membri tal-Assemblea Nazzjonali, qatgħu li l-Malti, flimkien mal-Ingliż, għandu jkun l-ilsien uffiċjali ta' Malta, fissret ix-xewqa tal-Maltin li f'għajnejn il-barranin mil-lum 'il quddiem għandna nibdew nitqiesu bħala nazzjon għalina. U b'hekk sa fl-aħħar ser jingħata bidu biex jibdew jissewwew dawk l-iżbalji li żammew lill-gżejjer tagħna lura ħafna, fost dawn iċ-ċaħda u t-twarrib tal-ilsien Malti li kien iġib miegħu ċ-ċaħda u t-twarrib ta' dawk il-Maltin li ma jafux ħlief bil-Malti mid-dinja tal-progress u tal-idijat ġodda"

Prof. Ġużè Galea
1901 - 1978
L-editorjal ta' *Il-Malti* (Diċembru 1972)

"Fejn jindaħal il-ġid tal-ilsien Malti m'għandux ikun post għal nuqqas ta'ftehim: fejn tilħaq l-imħabba lejn art twelidna ma għandhiex tasal firda."

Nagħlaq din il-kitba billi nikkwota minn diskors li jiena kont għamilt bħala President tal-Akkademja tal-Malti f'għeluq is-Seminar li kien iġib l-isem *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid.*

"Il-millennju l-qadim għadda u l-ġdid għadu riesaq. L-istorja twila tal-Malti, li minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna u d-diffikultajiet li jsib quddiemu, għadu lsien sabiħ u b'saħħtu, turina li l-Malti huwa u għad jista' jkun dejjem iżjed l-aqwa mezz biex tisseddaq l-identità tagħna u jorbot lill-antenati li għexu qabilna mal-ġenerazzjonijiet li għad jitwieldu fil-futur.

L-ilsien huwa l-aqwa teżor li fih hemm maħżuna l-memorja kollettiva tat-tiġrib ta' ġensna. Għandha tkun l-isbaħ sfida għalina li fuq l-għatba tal-millennju l-ġdid mhux biss nagħmlu l-att tal-fidi f'dan l-ilsien imma nistinkaw biex dan dejjem iżjed jixxettel u jissaħħaħ."